TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Michael Zammit
vs
Britannia Services Limited

CCT 5/17/MS

3 ta' Lulju 2017

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrent fis-6 ta' Jannar 2017 fejn talab lit-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' hames mitt Euro ghall-inkonvenjent illi sofrew hu u l-mara tieghu waqt vjagg lejn ir-Russia, organizzat mill-Britannia Services Ltd.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn cahdet kull responsabbilta' ghall-inkonvenjent li sofra r-rikorrent, liema inkonvenjent kien barra l-kontroll tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti kollha processwali.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien parti minn grupp illi marru Moscow u St. Petersburg bejn id-19 u t-28 ta' Awwissu 2016 fuq tour organizzat mis-socjeta' intimata. Ir-rikorrent jilmenta illi meta kienu St. Petersburg qadbu msarnu wara li kien kiel fil-lukanda assenjata lilu. Jallega li kien hemm ohrajn li qabadhom l-istess u fil-fatt dan huwa korroborat mix-xhieda ta' Paul Attard li kien f'dan it-tour fejn qal illi hassu dghajjef hafna u spicca biex kellha tinvistah tabib. Ghal dawk illi huma spejjes ir-rikorrent xtara xi pilloli u l-istess ghamel lix-xhud l-iehor Paul Attard.

Illi barra dan l-inkonvenjent, meta spicca t-tour u kellhom jmorru l-ajruport ghat-titjira lura Malta, ittiehdu f'ajruport zbaljat u kellhom jiehdu taxi malajr biex imorru fl-ajruport l-iehor li kien mitt kilometru l-boghod. Ta' dan is-socjeta' konvenuta hallset lir-rikorrent l-ammont illi nefaq fuq it-taxi, dan il-ghaliex it-trasport kien parti mill-prezz tat-tour.

Ikkunsidra

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrent ma ppruvax, fi grad li trid il-ligi - u cjoe' il-grad ta' probabbilta' illi ghal dan l-inkonvenjent tahti s-socjeta' konvenuta. Ir-rikorrent qal biss illi meta kien St. Petersburg hassu hazin - fis-sens minnu ndikat - u qal ukoll

x'mizuri ha biex jaghmel tajjeb ghal dan l-inkonvenjent. Ma jsemmix liema kienet il-lukanda fejn kienu alloggjati fejn ha dan il-virus. Isemmi biss li kienet 'wahda mill-lukandi' fejn kienu alloggjati. Terga' u tghid isemmi jkoll li kienu jieklu barra fil-ghaxija ghax il-lukanda kienet on half board basis. Mix-xhieda it-Tribunal ma jistax jasal mill-konkluzjoni illi kienet it-tort tas-socjeta' intimata. Ghalkemm ighid li l-mara tieghu (u t-tifla) wkoll sofrew mill-istess inkonvenjent, ma kenux parti ta' din il-kawza u l-anqas ma xehdu quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal mhuwiex qieghed jiddubita mill-fatt li r-rikorrent sofra minn dan l-inkonvenjent, imma mill-provi li ngabu, ma jistax jasal ghall-konkluzjoni illi dan kien bil-fors dovut ghall xi ikel li kien servut minn lukanda kuntrattata mis-socjeta' konvenuta.

Ghal dak li jirrigwarda l-ilment l-iehor illi marru f'ajurport hazin, it-Tribunal jidhirlu li hawnhekk ir-rikorrent ghandu ragun. Difficli jifhem kif zball bhal dan seta' jittiehed, pero, tajjeb jew hazin it-trasport kien kopert fil-prezz tat-tour u l-istruzzjonijiet tal-ajruport jigu moghtija mit-tour leader lil driver koncernat. F'dan il-kaz sar zball li seta' kellu konsegwenzi hafna aktar serji u kienu verament fortunati illi rnexxielhom jilhqu l-ajruplan fil-hin. Anke l-fatt illi t-taxi driver kellu jsuq b'velocita' ta' 150 Km fis-siegha kien stressanti ghar-rikorrent u l-familja tieghu, li kellhom ighaddu minn dan il-periklu biex jaslu fl-ajruport fil-hin. Ovvjament dan huwa nuqqas serju u ta' dan ir-rikorrenit ghandu jigi rizarcit ghal dan l-inkonvenjent li kellu jghaddi minnu inutilment.

Ghalhekk it-Tribunal sejjer jilqa' parzjlament it-talba tar-rikorrent u jiddeciedi l-ammont ta' danni *arbitrio bono viri*.

Ghal dawn ir-ragunijiet jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' konvenuta illi thallsu l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00).

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru